**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 1 ta` Awissu 2017**

**Rik. Nru. 572/2017 JZM**

***Fl-atti tar-rikors ipprezentat kontestwalment ai termini tal-Artiklu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta fl-ismijiet :***

**Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-AMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp ; iii. Refucan Limited ; iv. Warren Friedland ; v. Mondo Investments and Finance Ltd. ; vi. Evan Gregory Hoff ; vii. Andrew James Reader ; viii. Shane Thompson ; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL**

***kontra***

**Pefaco International plc**

***u***

**b`digriet tat-18 ta` Lulju 2017 moghti fil-kawza fl-ismijiet :** ***Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-AMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp ; iii. Refucan Limited ; iv. Warren Friedland ; v. Mondo Investments and Finance Ltd. ; vi. Evan Gregory Hoff ; vii. Andrew James Reader ; viii. Shane Thompson ; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL kontra Prefaco International plc (Rikors Nru. 571/2017 JZM)*****, is-socjeta` estera GRUPO Pefaco S.L. kienet ammessa tintervjeni** ***in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

**Rat ir-rikors prezentat minn Calamatta Cuschieri Investment Services Limited et fit-23 ta` Gunju 2017.**

**In partikolari, rat il-premessi tar-rikors kif ukoll it-talbiet.**

**It-talbiet lill-Qorti kienu dawn :-**

***(i) Tissospendi l-funzjonijiet ezekuttivi tal-bord tad-diretturi ta` Pefaco u tahtar amminisistratur provizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-***

***negozju tal-istess Pefaco kif il-Qorti tista` tispecifika fl-ordni li jahtru;***

***(ii) fin-nuqqas tordna lil Pefaco (tramite d-diretturi li ghandhom access ghal tali informazzjoni) sabiex immedjatament tghaddi l-informazzjoni kollha dwar l-istess Pefaco lid-diretturi kollha taghha, inkluz izda mhux limitatament ghall-istatements of account tal-kontijiet bankarji kollha ta` Pefaco ;***

***(iii) taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkustanzi sabiex id-drittijiet tal-esponenti u tal-istess intimata jigu adekwatament protetti pendente lite.***

**Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.**

**Semghet ix-xiehda ta` David Shimkins fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2017.**

**Rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud waqt id-deposizzjoni tieghu.**

**Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata fis-16 ta` Lulju 2017.**

**In partikolari, kienet notata l-eccezzjoni preliminari li in succint tghid illi l-ewwel rimedju mitlub mir-rikorrenti mhuwiex legalment disponibbli.**

**Rat id-digriet kamerali li tat fid-19 ta` Lulju 2017 fejn ordnat illi fl-udjenza tal-25 ta` Lulju 2017 tkun trattata l-eccezzjoni preliminari.**

**Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-25 ta` Lulju 2017.**

**Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal-lum sabiex tipprovdi dwar l-eccezzjoni preliminari.**

**Rat l-atti l-oħra tal-kawża.**

**II. <u>L-eccezzjoni preliminari</u>**

**Il-Qorti segwiet b`reqqa s-sottomissjonijiet li għamlu d-difensuri tar-rikorrenti, tal-intimata u tal-intervenuta fil-kawża waqt l-udjenza tal-25 ta` Lulju 2017.**

**Il-Qorti sejra tillimita ruħha <u>biss</u> għal dawk is-sottomissjonijiet li jolqtu l-eccezzjoni preliminari, billi din kienet id-direzzjoni li tat bid-digriet tagħha tad-19 ta` Lulju 2017.**

**III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Sabiex issostni l-eccezzjoni tagħha, l-intimata tirreferi għall-provvediment li tat din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta` Dicembru 2010 fil-kawża *Apap Bologna vs Bianchi.***

**Sabiex jilqgħu għal dan, ir-rikorrenti jirreferu għall-provvedimenti li ngħataw minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` April 2008 fil-kawża *Carmela Vella et vs Velga Bros Limited* u mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fl-1 ta` Novembru 2016 fil-kawża *Noel Vella et vs F&V Company Limited et.***

**Il-Qorti qegħda tesprimi ruħha kif ġej :-**

**1) Tibqa` tal-fehma illi l-provvediment li tat fl-14 ta Dicembru 2010 fil-kawża *Apap Bologna vs Bianchi* jirrifletti <u>korrettement</u> l-istat tad-dritt kif għadu sal-lum.**

**2) A skans ta` repetizzjoni, tirreferi għall-fini tal-provvediment tal-lum, għal kull ma ngħad f`dak il-provvediment billi jgħodd *mutatis mutandis***

**3) Ghalkemm ma saret l-ebda referenza ghal dan fil-kors tat-trattazzjoni tal-eccezzjoni preliminari, din il-Qorti kif presjeduta baqghet tal-istess fehma anke fil-provvediment illi tat fit-22 ta` Ottubru 2013 fil-kawza bin-Nru 750/2009/1 fl-ismijiet *Perit Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited.***

**4) A skans ta` repetizzjoni, tirreferi wkoll ghal kull ma nghad f`dak il-provvediment billi jghodd *mutatis mutandis* ghall-fini tal-provvediment tal-lum.**

**5) Riferibbilment ghall-gurisprudenza citata mir-rikorrenti, il-Qorti tghid illi dik il-gurisprudenza ma tistax taghti sostenn lir-rikorrenti fil-kuntest tal-eccezzjoni preliminari odjerna :-**

**a) Fil-kaz tal-provvediment tas-16 ta` April 2008 fil-kawza *Carmela Vella et vs Velga Bros Limited* tajjeb jinghad illi ghalkemm si trattava ta` azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386, u ghalkemm bhala fatt il-Qorti hatret amministratur provvizorju, ma tressqet ebda eccezzjoni mill-intimata bhala pregudizzjali kontra l-hatra ta` amministratur provvizorju ladarba si trattava ta` kawza skont l-Art 402 tal-Kap 386. Tajjeb jinghad illi eccezzjoni preliminari bhal din li ghandha quddiemha din il-Qorti mhijiex sollevabbli *ex officio.***

**b) Fil-kaz tal-provvediment li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fl-1 ta` Novembru 2016 fil-kawza *Noel Vella et vs F&V Company Limited et,* huwa evidenti illi dik il-kawza kienet tirrigwarda xoljiment u stralc ta` kumpannija fejn il-hatra ta` amministratur provvizorju hija permessa skont l-Art 228 tal-Kap 386.**

**6) Tibqa` l-kwistjoni ta` jekk l-Art 402(3)(g) tal-Kap 386 jistax isalva t-talba tar-rikorrenti kif dedotta mill-eccezzjoni tal-intimata. Il-Qorti sejra tesprimi ruhha fin-negattiv propju ghaliex kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-Art 402(3) hija sottoposta ghad-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan ikompli jfisser illi anke jekk issib li jissussisti dak li jghid l-Art 402(1), xejn ma jzomm lill-Qorti milli tapplika rimedju minflok iehor, Ghalhekk l-uzu tad-diskrezzjoni tal-qorti ma jistax jagevola t-talba tar-rikorrenti.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata.**

**Ghalhekk qeghda tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**Tirriserva li tipprovdi dwar it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti fi stadju ulterjuri.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**